KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ppreżentati fl-24 ta' Mejju 2007 [1]

1. Permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Högsta domstolen (Qorti Suprema) tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja żewġ domandi dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001/KE, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [2].

2. Din id-domanda ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża li fiha l-Högsta domstolen kienet imsejħa sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-tingsrätt (Qorti tal-Prim'Istanza) ta' Göteborg biex tieħu konjizzjoni tal-kawża mressqa quddiem din il-qorti minn Olle Arnoldsson kontra l-kumpannija stabbilita taħt dritt Britanniku Freeport Leisure plc (iktar 'il quddiem "Freeport plc").

I — Il-kuntest ġuridiku

3. Kif inhu magħruf, it-Trattat ta' Amsterdam, fl-estensjoni tal-kompetenzi Komunitarji fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ta' natura ċivili, stabbilixxa bażi ġuridika speċifika li permezz tagħha seħħet il-"komunitarizzazzjoni" tal-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968, dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell").

4. Adottat fuq il-bażi ta' l-Artikoli 61(c) KE u 67(1), KE, ir-Regolament Nru 44/2001 jistabbilixxi, fi spirtu ta' kontinwità mal-Konvenzjoni ta' Brussell [3], il-leġiżlazzjoni Komunitarja ġdida dwar l-eżerċizzjoni tal-ġurisdizzjoni ċivili u kummerċjali fir-rigward ta' kwistjonijiet li għandhom implikazzjonijiet internazzjonali u fuq l-applikabbiltà tad-

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.
2 — ĠU 2001, L 12, p. 1.
3 — Ara, b'mod partikolari, il-ħames u d-dsatax-il premessa tar-Regolament.

deċiżjonijiet dwar dawn il-kawżi fl-Istati Membri [4].

5. It-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001 jiddefinixxi r-regoli komuni ta' l-attribuzzjoni tal-kompetenza ġuridika. Is-Sezzjoni 1 ta' dan il-Kapitolu intitolata "Dispożizzjonijiet ġenerali" tinkludi l-Artikoli 2-4 li jidefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-leġiżlazzjoni kkontestata.

6. L-Artikolu 2(1) jiddisponi kif ġej:

"Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju [residenti] fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru".

4 — Ir-Regolament Nru 44/2001 jorbot lill-Istati membri kollha b'eċċezzjoni tad-Danimarka li ma eżerċitatx il-faklutà ta' l-"opting-in" prevista mill-Protokoll Nru 5 anness mat-Trattat dwar l-Unjoni u t-Trattat KE fir-rigward ta' l-atti Komunitarji adottati skond it-Titolu IV tat-Trattat. Fil-każ tagħha għal-daqstant jibqa' japplika l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tad-19 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 299, p. 62) li estenda għad-Danimarka l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Brussell I. Madankollu, l-imsemmi Regolament jorbot mill-bidu lir-Renju Unit u lill-Irlanda li skond il-Protokoll Nru 4 jgawdu mill-fakultà ta' "opting-in" wara d-dikjarazzjoni ta' l-adeżjoni tagħhom.

7. Fis-sens ta' l-Artikolu 3(1):

"Persuni domiċiljati [residenti] fi Stat Membru jistgħu jiġi mfittxija fil-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla f'Sezzjonijiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu."

8. Is-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001, intitolata "Ġurisprudenza speċjali" tinkludi l-Artikoli 5-7. Għall-finijiet tal-kawża preżenti għandhom jiġu mfakkra xi dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 5 u 6, li permezz tagħhom persuna li għandha d-domiċilju [residenza] tagħha fi Stat membru tista', fuq għażla tar-rikorrent titħarrek quddiem qrati alternattivi għall-qorti ġenerali tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut, li magħha il-kawża għandha rabtiet speċifiċi.

9. L-Artikolu 5 jiddisponi kif ġej:

"Persuna domiċiljata [residenti] fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxijja:

1) (a) f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettieq ta' l-obbligi f'dak il-każ;

(...)

3) f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kwasi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq;

[...]".

10. Skond it-termini ta' l-Artikolu 6:

"Persuna li tkun domiċiljata [residenti] fi Stat Membru tista' wkoll tiġi mfittxija:

1) meta tkun waħda minn numru ta' konvenuti, fil-qrati tal-post fejn wieħed minnhom jkun domiċiljat [residenti], basta illi t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun aktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex jevitaw ir-riskju ta' ġudizzji irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati;

2) bħala parti terza f'azzjoni dwar mandat jew garanzija jew f'xi proċedimenti oħra dwar terzi partijiet, fil-qorti li tkun fil-pussess tal-proċedimenti oriġinali, sa kemm dawn kienu ġew mibdija biss bl-obbjettiv uniku li jitneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qorti kompetenti li tisma' l-każ tiegħu;

[...]"

II — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11. Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, hekk kif jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

12. Is-Sur Arnoldsson, konvenut fil-kawża prinċipali, kien jikkollabora mal-kumpannija Villages des Marques SA (iktar 'il quddiem "Villages des Marques") li mill-1996 għandha r-rwol li tidentifika fl-Ewropa siti adattati għal *factory outlets* (siti ta' bejgħ fil-fabbriki) u li tiżviluppa dawn il-proġetti.

13. Xi wħud minn dawn il-proġetti, b'mod partikolari dak li jirrigwarda s-sit Żvediż ta' Kungsbacka, kienu ġew ċeduti lill-kumpannija Freeport plc, stabbilita fil-Gran Brittannja, bi ħlas ta' perċentwali taż-żieda fil-valur li nħoloq mid-differenza bejn il-valur tas-suq ta' kull wieħed minn dawn is-siti u l-

ispejjeż sostnuti għall-iżvilupp ta' dan il-proġett. Jirriżulta mid-dokumenti annessi ma' l-osservazzjonijiet ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mis-Sur Arnoldsson, ftehim li jirrigwarda, fost affarijiet oħrajn, issit ta' Kungsbaka, taħt forma ta' kuntratt ta' impriża konġunta, li ġie konkluż fil-15 ta' Settembru 1999 bejn Freeport plc u Trading Places Ltd, il-kumpannija *parent* ta' Villages des Marques [5].

14. Fl-ambitu tan-negozjati dwar t-trasferiment tas-sit ta' Kungsbacka, fil-11 ta' Awwissu 1999, ir-rappreżentant ta' Freeport plc u s-Sur Arnoldsson ikkonkludew ftehim verbali li permezz tiegħu Freeport plc kienet marbuta tħallas lill-kontroparti, fil-mument tal-ftuħ ta' l-istabbiliment ta' Kungsbacka, somma ta' 500 000 GBP bħala "success fee" (iktar 'il quddiem il-"ftehim"). Dan il-ftehim ġie kkonfermat minn Freeport plc b'faks tat-13 ta' Settemrbu 1999, li fih kien ippreċiżat, fost oħrajn, li l-ħlas kien se jsir millkumpannija li hija l-proprjetarja ta' l-istabbiliment.

15. L-istabbiliment ta' Kungsbacka infetaħ uffiċjalment fil-15 ta' Novembru 2001. Il-proprjetarja ta' l-istabbiliment hija l-kumpannija Freeport Leisure (Sweden) AB (iktar 'il quddiem "Freeport AB"), li hija kkontrollata 100 % minn Freeport plc permezz talfergħa tagħha Freeport Leisure (Netherlands) BV, anke din ikkontrollata 100 % minn Freeport plc. Wara li ġiet irreġistrata fl-Iżvezja fit-13 ta' Settembru 1999 taħt denominazzjoni oħra, Freeport AB kienet ġiet akkwistata mill-grupp Freeport fir-rebbiegħa ta' l-2000.

16. Wara l-ftuħ ta' l-istabbiliment, is-Sur Arnoldsson talab lil Freeport AB u lill-Freeport plc il-ħlas tal-kummissjoni miftiehma fil-ftehim. Wara li ma rċieva l-ebda ħlas, fil-5 ta' Frar 2003, is-Sur Arnoldsson ressaq liż-żewġ kumpanniji quddiem it-tingsrätt ta' Göteborg, li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha kien jinsab l-uffiċċju rreġistrat ta' Freeport AB, fejn talab li jiġu ordnati jħallsuh is-somma ta' 500 000 GBP, jew l-ekwivalent fi Krona Żvediża, kif ukoll l-interessi.

17. Is-Sur Arnoldsson invoka l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 sabiex fuqu jibbaża l-ġurisdizzjoni tat-tingsrätt ta' Göteborg fir-rigward ta' Freeport plc.

18. Freeport plc. eċċepiet prinċipalment l-inkompetenza tal-qorti Żvediża billi kkontestat l-applikabbiltà fil-kawża preżenti taddispożizzjoni invokata mir-rikorrenti.

5 — Ftehim simili dwar is-siti Franċiżi ġie konkluż fl-istess ġurnata bejn Freeport plc, Trading Placet LTD u Villages des Marques.

19. B'mod partikolari, skond ma ġie espost mill-qorti tar-rinviju, Freeport plc sostniet li l-azzjoni diretta kontriha kienet tirrappreżenta bażi kuntrattwali filwaqt li dik kontra Freeport AB setgħet tiġi bbażata biss fuq allegata responsabbiltà ta' fatt illeċitu, peress li din il-kumpannija mhux biss ma ħaditx sehem fil-ftehim iżda lanqas biss kienet teżisti fid-data li fiha l-imsemmi ftehim kien ġie konkluż. Skond Freeport plc l-azzjoni kontra Freeport AB hija nieqsa minn kull bażi, peress li fid-dritt Żvediż, kuntratt ma jistax joħloq obbligi fuq parti terza. Konsegwentement ma jkunx hemm ir-riskju ta' deċiżjonijiet inkompatibbli f'każ fejn l-azzjoni kontra Freeport plc u dik kontra Freeport AB jiġu deċiżi minn żewġ qrati differenti. Għaldaqstant l-azzjoni diretta kontra din ta' l-aħħar saret bl-intenzjoni biss li Freeport plc titressaq quddiem qorti Żvediża.

20. Is-Sur Arnoldsson irrisponda li l-azzjonijiet intiżi kontra ż-żewġ kumpanniji konvenuti kellhom l-istess bażi kuntrattwali. Skond is-Sur Arnoldsson, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim, ir-rappreżentanti ta' Freeport plc. kienu aġixxew f'isem ta' din ta' l-aħħar kif ukoll ta' Freeport AB, li, ladarba kienet tagħmel parti mill-grupp Freeport, kienet aċċettat l-ordni ta' ħlas li Freeport plc kien tatha permezz tal-ftehim. Għaldaqstant, bejn Freeport AB u s-Sur Arnoldsson kien jeżisti, skond dan ta' l-aħħar, almenu rapport kważi kuntrattwali.

21. It-tingsrätt ta' Göteborg ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza mressqa minn Freeport plc Din ta' l-aħħar appellat kontra din id-deċiżjoni quddiem il-hovrätten för Västra Sverige (il-Qorti ta' l-Appell ta' l-Iżvezja tal-Punent) fejn ġiet ikkonfermata.

22. Għaldaqstant, Freeport plc ressqet quddiem il-Högsta domstolen, li ddeċidiet li kien neċessarju, bil-għan li ssolvi l-kwistjoni, li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Jekk azzjoni bbażata fuq obbligu ta' ħlas allegatament responsabbli għalih kumpannija *joint stock* u li tirriżula minn impenn għandhiex tiġi kkunsidrata bħala talba ta' natura kuntrattwali għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 2001, L 12, p. 1), anke jekk il-persuna li daħlet għall-impenn, f'dak iż-żmien partikolari la kienet ir-

rappreżentanta legali ta' din il-kumpannija u lanqas kienet awtorizzata minnha?

2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda: jekk tikkostitwixxi rekwiżit ulterjuri tal-ġurisdizzjoni, barra dawk indikati fl-Artikolu 6(1), li l-azzjoni mressqa kontra l-konvenut quddiem il-qrati ta' l-Istat fejn għandu domiċilju [residenza] mhijiex intiża għall-uniku skop li tiġi deċiża talba kontra konvenut ieħor minn qorti differenti minn dik li normalment kienet tkun kompetenti?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: jekk il-probabbiltà li tiġi milqugħa l-azzjoni magħmula kontra l-konvenut quddiem il-qorti ta' l-Istat fejn għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu għandha tiġi evalwata b'mod differenti fil-mument ta' twettiq ta' l-eżami dwar ir-riskju ta' soluzzjonijiet li mhumiex kompatibbli kif meħtieġ mill-Artikolu 6 (1)?"

III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Skond l-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Sur Arnoldsson, Freeport plc. u l-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

IV — Analiżi

A — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

24. Permezz ta' din l-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkjarifika jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tad-deċiżjoni għar-rinviju, it-talba ppreżentata mis-Sur Arnoldsson kontra Freeport AB għandhiex bażi kuntrattwali.

25. Jidher mid-deċiżjoni għar-rinviju li tali kwistjoni tirriżulta mill-konstatazzjoni tal-Högsta domstolen li kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 hija *l-identità tal-bażi* tat-talba ppreżentata kontra l-konvenut li huwa domiċiljat [residenti] fl-Istat membru tal-qorti li tiddeċiedi l-kawża u ta' dik kontra l-konvenut li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu barra dan l-Istat. Barra minn hekk,

jidher ukoll mid-deċiżjoni għar-rinviju li l-qorti kompetenti wasslet għal din il-konvinzjoni mill-qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Réunion européenne *et* [6].

26. Qabel ma nagħti l-opinjoni tiegħi li hija li l-Högsta domstolen ibbażat ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza msemmija iktar 'il fuq hemm lok li tiġi mfakkra r-regoli ta' azzjonijiet relatati tal-proċeduri fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li minnha tirriżulta b'mod partikolari l-preċiżazzjonijiet magħmula fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Kif inhu magħruf, il-kitba attwali ta' dan l-Artikolu huwa riżultat ta' l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat tad-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni ta' Brussell fis-sentenza Kalfelis [7], liema interpretazzjoni saret mil-leġiżlatur Komunitarju meta l-leġiżlazzjoni predisposta mill-imsemmija Konvenzjoni daħlet fir-Regolament Nru 44/2001 .

28. F'din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat bħala kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell "li jkun hemm azzjoni relatata bejn it-talbiet magħmula kontra kull wieħed mill-konvenuti" [8]. Sabiex tidħol iktar fid-dettall dwar il-kwistjoni tat-tip ta' azzjoni relatata meħtieġa, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret l-identità tar-*ratio* bejn il-leġiżlazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ma' l-ipoteżi ta' talbiet marbuta mressqa quddiem il-qrati ta' l-Istati kontraenti differenti [9] u d-dispożizzjoni in kwistjoni, ppreċiżat li din ta' l-aħħar tapplika "meta t-talbiet mressqa kontra numru ta' konvenuti huma marbuta fil-mument tal-preżentazzjoni tagħhom, jiġifieri meta jkun hemm interess għal stħarriġ u għal deċiżjoni unika sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet li jkunu eventwalment inkompatibbli jekk il-kawżi jiġu deċiżi separatament" [10]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li "huwa dover tal-qorti nazzjonali biex tikkontrolla skond kull każ jekk din il-kundizzjoni ġietx sodisfatta" [11].

29. Għaldaqstant, skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, aktar minn konvenut wieħed li huma domiċiljati [residenti] fi Stati membri diversi jkunu jitressqu konġuntament quddiem il-qorti tad-domiċilju [residenza] ta' wieħed minnhom, bil-kundizzjoni li teżisti bejn it-talbiet imressqa kontrihom konnessjoni ta' rabta adegwata u

6 — Sentenza tas-27 ta' Ottubru 1998 (C-51/97, Ġabra p. I-6511).

7 — Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (189/87, Ġabra p. 5565).

8 — Punt 9. Il-Qorti tal-Ġustizzja wasslet għal din l-interpretazzjoni wara li għamlet il-premessa li l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju tal-ġurisdizzjoni tal-qorti tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut u "li għandu jiġi interpretat b'tali mod li ma jippreġudikax l-eżistenza stess tal-prinċipju", sitwazzjoni "li tista' ssir realtà fejn ir-rikorrenti jkollu l-fakultà li jressaq quddiem qorti numru ta' konvenuti biss sabiex inehhi wieħed minn dawn il-konvenuti mill-ġurisdizzjoni tal-qorti fejn jirirsjedi".

9 — Fil-preżenti l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 44/2001.

10 — Punt 12 tas-sentenza Kalfedis.

11 — *Ibid.*

suffiċjenti. L-eżistenza ta' tali konnessjoni għandha tidher fil-mument li tingħata d-deċiżjoni [12] u tiġi evalwata b'riferenza għall-ħtieġa ta' deċiżjoni omoġenja sabiex jiġi evitati deċiżjonijiet li jkunu eventwalment inkompatibbli.

30. Qabel kollox l-imsemmija konnessjoni teżisti fl-ipoteżi ta' konġunzjoni tal-partijiet neċessarjament passiva, jiġifieri fejn it-talbiet kontra numru ta' konvenuti jkunu bejnethom tant marbuta fil-viċin li jkollhom jitressqu fl-istess kawża, id-deċiżjoni eventwali ma tkunx tista' titħabbar jekk mhux fir-rigward tal-partijiet involuti kollha. Id-dispożizzjoni kkontesta madankollu ma teħtieġx li jkun hemm fost it-talbiet imressqa kontra diversi konvenuti il-grad ta' relazzjoni relatata li turi l-ipoteżi ta' konġunzjoni tal-partijiet neċessarja [13], iżda mezz suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-interess li t-talbiet jinstemgħu konġuntament sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet inkompatibbli. Għaldaqstant, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) ukoll sitwazzjonijiet ta' konġuntament ta' partijiet fakultattiva, meta t-talbiet għandhom konnessjoni bejniethom minħabba s-suġġett jew it-titolu.

31. Għandu jiġi rrilevat li peress li la r-Regolament Nru 44/2001 u lanqas il-qorti Komunitarja, matul l-interpretazzjoni ta' dan l-istess Regolament jew tal-leġiżlazzjoni konvenzjonali preċedenti, ma għamlu deskrizzjoni kompluta tas-sitwazzjonijiet li fihom tqajmet l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1), u limitaw ruħhom li jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni fil-funzjoni ta' l-għan isegwi, hija l-leġiżlazzjoni proċedurali interna li għandha r-rwol ta' integrazzjoni tas-suġġett previst mill-imsemmija dispożizzjoni. Fi kliem ieħor hija l-qorti kompetenti, kif barra minn hekk ġie affermat fis-sentenza Kalfelis, iċċitata iktar 'il fuq [14], li għandha tevalwa, fin-nuqqas ta' regoli komuni fuq bażi ta' dritt proċedurali partikolari, il-ħtieġa ta' konċentrazzjoni għall-finijiet ta' l-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni fil-preżenza ta' numru ta' konvenuti.

32. F'dawn iċ-ċirkustanzi, issa se neżamina r-rilevanza għall-finijiet tas-soluzzjoni għarrinviju magħmul mill-Högsta domstolen fis-sentenza Réunion européenne *et* iċċitata iktar 'il fuq [15], għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża pendenti quddiem din il-qorti.

33. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet preliminarjament fuq sensiela ta' domandi mqajma mill-Cour de cassation Franċiża fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 5(1), 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell. Dawn id-domandi preliminari tqajmu fil-kuntest ta' kawża li fiha kumpanniji ta' assigurazzjoni, subrogati fid-drittijiet ta' kumpannija Franċiża li rċiviet merkanzija, li nstabet li kellha ħsara fit-tmiem ta' trasport marittimu u fl-art minn Melbourne sa Rungis, tressaq kawża kontra t-trasportatur kontraenti, b'uffiċċju rreġistrat f'Sidney, kontra l-operatur tal-vapur Olandiż li wettaq it-trasport bil-baħar Melbourne — Rotterdam u kontra l-kaptan tal-vapur, residenti fl-

12 — *Ibid.*

13 — F'dan is-sens, ara l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Darmon fil-kawża Kalfelis, iċċitata iktar 'il fuq, punt 8.

14 — Ara punt 12 tas-sentenza.

15 — Fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

Olanda. It-tribunal de commerce ta' Créteil, li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu kienet tinsab Rungis, il-post ta' kunsinna tal-merkanzija, kien iddikjara ruħu li għandu ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tat-talba unika mressqa mill-assiguraturi fir-rigward tat-trasportatur Awstraljan li ġarr il-merkanzija, filwaqt li ċaħdet il-kompetenza tagħha fir-rigward tal-konvenuti l-oħra favur il-qorti ta' Rotterdam, post fejn kienet ġiet eżegwita l-provvista dovuta mit-trasportatur kontraenti, jew ta' Amsterdam, fejn dan ta' l-aħħar kellu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu. Quddiem il-Cour de cassation, li kienet il-qort kompetenti wara li d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Kummerċ ta' Créteil ġiet ikkonfermata mill-Cour d'appel ta' Pariġi, l-assiguraturi sostnew prinċipalment li, fin-nuqqas ta' l-aċċertament ta' relazzjoni kuntrattwali bejn id-destinatarju tal-merkanzija, minn naħa, u l-operatur u l-kaptan min-naħa l-oħra, il-qrati li ddeċidew fuq il-mertu jmisshom applikaw il-kriterji ta' rabta ta' proċedimenti previsti fl-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell fir-rigward ta' responsabbiltà għal tort u mhux l-Artikolu 5 (1), relattiv għall-unika materja li għandha x'taqsam ma' kuntratt. Sussidjarjament, il-kumpanniji rikorrenti josservaw li t-talbiet kontra diversi konvenuti kellhom bħala suġġett l-istess operazzjoni ta' trasport u li għaldaqstant il-kawża kellha karattru indiviżibbli.

34. L-ewwel tliet domandi preliminari kienu bbażati fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 5 (1) u (3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell u kienu intiżi essenzjalment sabiex jiksbu deċiżjoni mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa fir-rigward tal-bażi kuntrattwali jew mhux kuntrattwali tat-talbiet imressqa mill-kumpanniji ta' assigurazzjoni kontra l-operatur tal-vapuri Olandiż u l-kaptan tal-vapur, u min-naħa l-oħra, dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett tal-"post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq" skond l-Artikolu 5(3).

35. Permezz tar-raba' domanda preliminari tagħha, l-Cour de cassation staqsiet minflok lill-Qorti tal-Ġustizzja "jekk konvenut li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu fit-territorju ta' Stat kontraenti jista' jitħarrek fi Stat kontraenti ieħor quddiem entità ġuridika li quddiemha tressqet domanda diretta kontra konvenut ieħor li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu barra mit-territorju ta' kwalunkwe Stat kontraenti, safejn il-kawża tippreżenta natura indiviżibbli, u mhux biss ta' azzjoni relatata" [16].

36. Sabiex tirrispondi din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li eskludiet li għandhom jiġu sodisfatti fil-kawża l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta' Brussell [17], ġibdet l-attenzjoni għal dak li hemm stabbilit fl-Artikolu 6 (1) tagħha u ppreċiżat li l-kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' l-imsemmija dispożizzjoni hija li "il-kawża preżenti [tiġi] mressqa quddiem qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha

16 — Ara punt 13 tas-sentenza.

17 — Punti 38 - 41.

jinstab id-domiċilju [residenza] ta' wieħed mill-konvenuti" [18], liema kundizzjoni mhijiex sodisfatta fil-kawża preżenti [19].

37. Anki jekk din il-konstatazzjoni kienet biżżejjed fiha nnifisha sabiex teskludi l-invokazzjoni tal-kawża prinċipali għall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u li tingħata risposta għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet bir-raġunament tagħha billi fakkret il-preċiżazzjoni fis-sentenza Kalfelis, iċċitata iktar 'il fuq [20], u l-preċiżazzjoni li kienet saret f'din ta' l-aħħar fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' l-imsemmija dispożizzjoni [21]. Barra min hekk, hija fakkret il-passaġġ ta' tali sentenza li fih ġie ddikjarat li qorti kompetenti, skond l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, sabiex tieħu konjizzjoni tal-punt tat-talba bbażat fuq atti jew fatti tar-responsabbiltà delittwali mhijiex kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-punti l-oħra ta' l-istess talba li huma bbażati fuq atti jew atti li huma differenti mir-responsabbiltà delittwali [22]. Fil-punt 50 tas-sentenza, li ssemmiet mill-Högtsa domstolen fid-deċiżjoni għarrinviju li "jirriżulta minn dak li ntqal qabel li żewġ talbiet ta' l-istess azzjoni għal kumpens ta' danni, diretti kontra żewġ konvenuti differenti u bbażati, waħda fuq ir-responsabbiltà kuntrattwali, u l-oħra fuq ir-responsabbiltà delittwali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala marbuta minn rabta ta' konnessjoni" [23].

38. Minkejja li wieħed jista' jasal għal interpretazzjoni ta' din fis-sens ta' kundizzjoni supplementari li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni tissuġġetta l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell jiġifieri ta' preċiżazzjoni kif ġie affermat fis-sentenza Kalfelis — u huwa f'dan is-sens li ġiet effettivament interpretata mill-qrati ta' wħud mill-Istati kontraenti — insostni madankollu li din il-konklużjoni għandha tiġi modifikata permezz tat-tqegħid fil-kuntest korrett tagħha.

39. Fil-fatt, jekk jiġu kkunsidrati l-punti 49 u 50 tas-sentenza msemmija fil-kuntest loġiku tagħhom, is-sens li għandu jiġi attribwit lilhom huwa pjuttost dak li jiġi kkonfermat dak li diġà ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 14, jiġifieri li fis-sistema leġiżlattiva tal-Konvenzjoni, l-azzjoni relatata tista' tapplika bħala kriterju ta' attribuzzjoni ta' ġurisdizzjoni li hija għall-benefiċċju biss tal-qorti tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut. B'mod partikolari, jidhirli li f'xi wħud mill-passaġġi l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni tafferma b'mod espliċitu n-nuqqas ta' rilevanza tal-kompetenza bbażata fuq qrati differenti minn dik tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut sabiex ikun hemm l-għaqda tal-proċeduri magħquda f'każ ta' parti intervenjenti passiva, u eskludiet li din il-kompetenza tista' tasal li tgħaqqad bosta talbiet fejn hemm relatati bejniethom fejn

18 — Punt 44.

19 — Punt 45. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li "l-għan ta' ċertezza tad-dritt segwit mill-Konvenzjoni ma kienx jintlaħaq jekk il-fatt li qorti ta' Stat kontraenti rrikonoxxiet lilha nfisha bħala kompetenti quddiem wieħed mill-konvenuti li m'għandux id-domiċilju [residenza] tiegħu fi Stat kontraenti tippermetti t-taħrik ta' konvenut ieħor, li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu fi Stat kontraenti, quddiem l-istess qorti, barra s-sitwazzjonijiet previsti mill-Konvenzjoni u b'hekk li ċċaħdu mir-regoli ta' protezzjoni stabbiliti minnha" (punt 46).

20 — Fin-nota ta' qiegħ il-pagna 7.

21 — Punti 47 u 48.

22 — Punt 49.

23 — Punt 50.

din hija ġġustifikata biss fir-rigward ta' waħda minnhom.

40. Jirriżulta minn dan li anke r-referenza għall-punt fis-sentenza Kalfelis, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet li l-qorti kompetenti skond l-Artikolu 5(3) tista' tkun taf b'aspetti li huma bbażati fuq atti jew fatti differenti mill-att delittwali anki dawk imqajma fit-talba. Minn dan jirriżulta wkoll li qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq żewġ talbiet li huma marbuta bejniethom, imressqa kontra konvenuti differenti u li minnhom l-ewwel waħda għandha bażi delittwali u t-tieni waħda għandha bażi kuntrattwali, ma tistax tiddisponi mill-għaqda tagħhom minħabba azzjoni relatata fejn din hija kompetenti skond l-Artikolu 5(3) [24], tal-Konvenzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel domanda iżda ma tiġġustifikax awtomatikament il-kompetenza tagħha fir-rigward tat-tieni domanda (per eżempju fil-każ fejn hemm konnessjoni bejn il-post ta' eżekuzzjoni ta' l-obbligu kuntrattwali u l-post fejn sar id-dannu jiġifieri skond il-kriterju ġenerali tal-qorti tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut). Fil-fatt, ir-rabta li teżisti bejn iżżewġ talbiet mhijiex, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jiġifieri fin-nuqqas ta' rabta mad-domiċilju [residenza] ta' wieħed mill-konvenuti, kompetenti sabiex topera kriterju ta' attribuzzjoni ta' ġurisdizzjoni, u lanqas din ta' l-aħħar ma tista' tiġi ġġustifikata fir-rigward ta' *vis attractiva* mwettqa mill-kompetenza skond l-Artikolu 5(3), peress li l-ġurisprudenza eskludiet din il-possibbiltà b'mod espliċitu.

41. Jekk dan huwa s-sinjifikat li għandu jingħata għall-punti 49 u 50 ta' l-imsemmija sentenza, din ta' l-aħħar ma teskludix, kuntrarjament għal dak li ssostni l-qorti tar-rinviju, l-applikabbiltà ta' l-Artikolu 6 (1), tal-Konvenzjoni ta' Brussell f'każ ta' konnessjoni ta' talbiet kuntrattwali u mhux kuntrattwali, għalkemm il-maġġoranza tad-deċiżjonijiet relattivi *huma favur il-qorti tad-domiċilju ta' wieħed mill-konvenuti.*

42. Il-qari tal-punti 49 u 50 tas-sentenza msemmija Réunion européenne *et*, sostnut b'mod ġenerali mill-Kummissjoni, jidher koerenti ma' dak li diġà ġie affermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Kalfelis u, b'mod iktar ġenerali mas-sistema leġiżlattiva tal-Konvenzjoni ta' Brussell (u issa tar-Regolament Nru 44/2001).

43. Min-naħa, dan jitqajjem minn dak li jirriżulta mis-sentenza Kalfelis, li fuq il-bażi tagħha l-ezistenza ta' fattur ta' konnessjoni ta' rabta bejn il-kawżi, fit-termini speċifikati ta' din is-sentenza, tikkostitwixxi *l-unika kundizzjoni oġġettiva* għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1), filwaqt li l-interpretazzjoni proposta mill-qorti tar-rinviju essenzjalment tfisser l-introduzzjoni ta' kundizzjoni oħra li

24 — Iżda dan japplika b'mod ġenerali fil-każijiet kollha fejn il-kompetenza hija individwata fuq il-bażi ta; kriterji ta' konnessjoni indipendentement mid-domiċilju [residenza] tal-konvenut.

titlob fil-konfront tal-konvenuti diversi li l-azzjonijiet jkollhom bażi identika.

44. Min-naha l-oħra, din ma tmurx kontra l-għanijiet segwiti mis-sistema konvenzjonali u mir-Regolament Nru 44/2001 li fosthom hemm l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-ħtieġa ta' amministrazzjoni korretta tal-ġustizzja u tal-ħtieġa li titkabbar il-ħarsien legali ta' l-individwu fiż-żona ġuridika Ewropea. Madankollu, fejn minflok qari differenti ta' l-imsemmija sentenza, kif issuġġerit mill-qorti tar-rinviju, iqajjem ir-riskju li *jillimita indebitament li l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1), li jfixkel l-għan ta' jitqasru l-proċeduri mingħajr ma dan jiġi ġġustifikat bil-ħtieġa li titħares l-importanza tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut bħala kriterju ġenerali ta' attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni* jiġifieri li jiġi assigurat il-prevedibbiltà ta' din ta' l-aħħar.

45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, insostni li l-ewwel domanda preliminari mqajma mill-qorti tar-rinviju tirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li l-kwistjoni mressqa minnha mhijiex rilevanti għall-finijiet tas-soluzzjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, jekk l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 japplika wkoll f'każ ta' konnessjoni ta' talbiet kuntrattwali u mhux kuntrattwali, is-soluzzjoni tal-kwistjoni quddiem il-Högsta domstolen ma teħtieġx li jiġi ddeterminat preliminarjament jekk it-titolu li fuqha hija bbażata t-talba tas-Sur Arnoldsson kontra Freeport AB għandiex jew le natura kuntrattwali.

46. B'hekk ser ngħaddi sabiex neżamina t-tieni u t-tielet domandi mressqa mill-Högsta domstolen.

B — *Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari*

47. Permezz tat-tieni u t-tielet domandi preliminari, li fl-opinjoni tiegħi għandhom jkunu eżaminati konġuntament, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, jekk l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 hijiex suġġetta għall-verifika li l-azzjoni pproposta kontra l-konvenut li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu fl-Istat Membru tal-qorti kompetenti ma kinitx intiża bl-uniku skop li ssir deċiża domanda kontra konvenut ieħor minn qorti differenti għal dik li normalment kienet tkun kompetenti [25] u min-naħa l-oħra, fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: jekk il-possibbiltà li r-rikorrenti ifittex tali għan għandux effett l-evalwazzjoni tal-probabbiltà li tintlaqa' din it-talba għall-finjiet ta' l-eżami dwar ir-riskju

25 — L'Högsta domstolen tagħmel domanda preliminari fir-rigward ta' l-Artikolu 6(2) li fih din id-domanda hija espressament prevista.

ta' soluzzjonijiet inkompatibbli previsti mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 [26].

48. Fl-opinjoni tiegħi, dawn id-domandi jqajjmu, f'termini ċertament restritti għall-qasam operattiv tad-dispożizzjoni li dwarha qed tiġi mitluba interpretazzjoni, id-domanda sensittiva fir-rigward tal-limiti ta' l-użu b'qerq jew abbużiv tal-kriterji ġuridiċi previsti mir-Regolament Nru 44/2001. Mhijiex l-intenzjoni tiegħi, u lanqas ma ser nikkunsidra li huwa neċessarju għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-każ preżenti li neżamina b'termini ġenerali din il-problema, u minħabba dan ser nillimita ruħi sabiex nagħmel riflessjonijiet li huma strettament neċessarji għall-ezami ta' dawn id-domandi tal-qorti tar-rinviju, għalkemm naf li s-suġġett huwa sensittiv fil-kuntest li fih jinsabu tali riflessjonijiet.

49. Kif diġà ntqal, is-sistema leġiżlattiva tar-Regolament Nru 44/2001 (b-analoġija qabel dik konvenzjonali) il-previżjoni ta' rabta speċifika ġuridika fil-każijiet ta' azzjonijiet relatati proċedurali kkunsidrata fl-Artikolu 6 (1) u (2) hija ġġustifikata mill-għanijiet ta' tqassir ta' proċedimenti u tal-konformità tad-deċiżjonijiet.

26 — Lil hinn mill-formulazzjoni mhux ċara adottata fuq il-punt tad-deċiżjoni għar-rinviju, jidhirli li l-kontenut tat-tielet domanda u l-artikolazzjoni tagħha mad-domanda preċedenti jistgħu jitgħaqdu b'mod korrett bit-termini li hemm iktar 'il fuq.

50. Barra minn hekk ġie rrilevat li l-parti operattiva ta' din ir-rabta għandha limitu fil-ħtieġa li tiġi evitata restrizzjoni indebita ta' l-ambitu ta' applikazzjoni tal-kriterju ġenerali tal-qorti tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut, għad-dannu taċ-ċertezza legali tad-determinazzjoni ġuridika, jew fi kliem ieħor sabiex dan isir b'mod indirett u inqas sistematiku s-smigħ tal-kawża fil-qorti tad-domiċilju [residenza] tar-rikorrenti, li għal din is-sitwazzjoni l-leġiżlatur Komunitarju (u anki qablu l-Konvenzjoni ta' Brussell) wera disprezz ċar.

51. Huwa għaldaqstant fid-dawl tad-diskussjoni bejn l-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tar-rispett għall-importanza tal-qorti tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut bħala kriterju ġenerali ta' rabta ġuridika li fl-opinjoni tiegħi għandha ssir l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament fir-rigward ta' azzjonijiet relatati proċedurali.

52. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu qabel kollox jiġi rrilevat li peress li l-kriterji ta' rabta previsti fl-Artikolu 6(1) u (2), għall-każijiet b'numru ta' konvenuti, bħala parti terza f'azzjoni dwar mandat jew garanzija jew f'xi proċedimenti oħra dwar terzi partijiet, huma alternattivi fir-rigward tal-kriterju li jattribwixxi ġurisdizzjoni lill-qorti tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut, ir-rikorrent għandu f'dan ir-rigward *għażla* li probabbilment juża' b'kunsiderazzjoni ta' l-interess tiegħu stess li tinstema' l-kawża f'qorti minnflok f'oħra. Dan huwa effett imnissel mis-sistema leġiżlattiva tar-Regolament u huwa diffiċli li jiġi nnewtralizzat

peress li individwu li għandu l-intenzjoni li jressaq kawża fiż-"żona ġuridika Ewropea" ma jistax jitwaqqaf milli jagħmel użu tal-possibbiltajiet offerti minn tali sistema sabiex jagħżel, b'rispett għar-regoli pprovduti minnha, l-qorti li taqbel l-iktar lilu [27].

53. Fir-rigward tar-rikonoxximent ta' tali fakulta ta' għażla, l-istess sistema leġiżlattiva tipprevedi madankollu ċerti mekkaniżmi li jippermettu li tiġi ristretta l-possibbiltà li tintuża b'qerq jew mod abbużiv.

54. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet in eżami hija qabel kollox suġġetta għal kundizzjoni komuni — li tirrappreżenta barra minn hekk il-limitu prinċipali ta' l-użu ta' qrati alternattivi previsti minnhom — li tikkonsisti, b'konformità mar-*ratio* tagħhom stess, *fl-eżistenza ta' interess effettiv u attwali li jingħaqdu l-kawżi*, li għandha tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni magħmula minn naħa tal-qorti li teżamina l-każ skond l-elementi ta' valutazzjoni *oġġettivi* inerenti għall-kawżi li titressaq quddiemha, bħal ma huma l-intensità ta' azzjonijiet relatati li tikkaratterizzhom u l-grad ta' prossimità mal-qorti.

55. Fil-kaz ta' tħarrik bħala parti terza f'azzjoni dwar mandat jew garanzija jew f'xi proċedimenti oħra dwar terzi partijiet li ġeneralment, fihom ir-rabta mat-talba prinċipali tkun intrinsika [28] u li fihom, b'mod kuntrarju għal dak li jiġri fil-każ ta' kawżi magħquda b'mod passiv li fihom skond l-Artikolu 6(1) il-kawżi tad-deċiżjonijiet ma jingħaqdux neċessarjament quddiem il-qorti tad-domiċilju [residenza] tal-konvenut jew tat-terz, limitu ulterjuri għall-operazzjoni tal-kriterju relattiv ta' rabta huwa individwabbli b'mod espress ħlief għall-każijiet fejn jirriżulta li d-domanda principali ġiet ippreżentata biss bi skop li ssir deċiża kawża kontra konvenut ieħor minn qorti differenti għal dik li "normalment kienet tkun kompetenti" [29].

56. Għandu jiġi rrilevat, li dan il-limitu, li jirriżulta minn dak li huwa stabbilit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 44/2001, jipprekludi l-applikabbiltà tal-kriterju ta' rabta ġuridika li toħroġ minn din id-dispożizzjoni kemm fil-każijiet fejn l-użu tagħha tirriżulta qerrieqa, kif ukoll meta tirriżulta li tabbuża d-dritt ta' għażla li jiddisponi minnha r-rikorrent [30], jiġifieri fejn tintuża

27 — F'ċerti limitazzjonijiet, il-*forum shopping* inkluż, skond id-definizzjoni mogħtija mill-Avukat Ġenrali Ruiz-Jarabo Colomer, bħala "l-eżezzjoni ta' qorti fir-rigward tal-vantaġġi li jistgħu jittieħdu mid-dritt sustanzjali (jew anke proċesswali) applikat" (ara l-konklużjonijiet ippreżentati fis-16 ta' Marzu 1999, fil-kawża GIE Groupe Concord *et*, sentenza tat-28 ta' Settembru 1999, C-440/97, Ġabra p. I-6307, nota ta' qiegħ il-paġna 10), huwa bla dubju legali.

28 — Ara s-sentenza tas-26 ta' Mejju 2005, GIE Réunion européenne *et* (C-77/04, Ġabra p. I-4509, punt 30) u l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs ippreżentati fl-24 ta' Frar 2005 fl-imsemmija kawża, punt 22.

29 — Fis-sentenza GIE Réunion européenne *et* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li ssostni li tali kundizzjoni hija sodisfatta fejn jeżisti fattur ta' azzjoni relatata bejn it-talba prinċipali u t-tħarrik bħala parti terza. Madankollu, kif se jkun iktar ċar iktar 'il quddiem, mhux dejjem l-eżistanza ta' din il-konnessjoni hija biżżejjed sabiex jiġi eskluż l-qerq u l-abbuż tal-kompetenza.

30 — Id-duttrina qisha tirrikonoxxi li l-għażla bejn id-diversi kriterji ta' rabta li minnhom jibbenefika r-rikorrent skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001, tiffurma dritt suġġettiv reali u proprju, korollarju tad-dritt għal rimedju ġuridiku effettiv.

għal *għan li huwa differenti għal dak li ingħatalha* [31].

57. Il-Högsta domstolen tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan il-limitu japplikax għall-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 anki jekk mhuwiex ipprovdut minnu espressament.

58. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi risposta għal din id-domanda. Hija ssostni li l-Artikolu 6(1) għandu jiġi interpretat fis-sens li fejn teżisti konnessjoni ta' rabta adegwata bejn it-talbiet u kull stħarriġ fir-rigward ta' l-għanijiet segwiti mir-rikorrenti, din tibqa' eskluża. Din l-interpretazzjoni ssib konfermazzjoni fis-sentenza Kalfelis, iċċitata iktar 'il fuq [32], li fiha l-kundizzjoni ta' l-eżistenza ta' azzjoni relatata bejn it-talbiet ġiet ikkunsidrata bħala utli sabiex teskludi li l-possibbiltà ta' l-għażla mogħtija lir-rikorrenti mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell tkun tista' tintuża bl-iskop biss sabiex wieħed mill-konvenuti ma jitressaqx quddiem il-qorti fejn għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu [33].

59. Ma naqbilx ma' l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni.

60. Qabel kollox, ma naqbilx mal-qari tas-sentenza Kalfelis. Fl-opinjoni tiegħi, minn tali deċiżjoni jista' jiġi mifhum biss l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi *preżunzjoni* ta' nuqqas ta' eżistenza ta' qerq jew abbuż fejn teżisti rabta ta' konnessjoni mitluba minnha [34]. F'sentenza sussegwenti, barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja wriet b'mod ċar li tikkunsidra li din il-preżunzjoni tista' tiġi kkontestata fejn iċ-ċirkustanzi jippermettu li jigi aċċertat l-użu b'qerq jew abbużiv tal-kriterju ta' rabta ġuridika previst mid-dispożizzjoni kkontestata [35].

31 — Jiġifieri r-rikorrent ikun jista' jkollu protezzjoni legali aħjar tad-drittijiet tiegħu permezz tal-possibbiltà li jikkonċentra f'deċiżjoni waħda t-talbiet konnessi fir-rigward ta' persuni differenti.

32 — Fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

33 — Ara punti 8 u 9.

34 — L-istess preżunzjoni tidher li ġiet aċċettata wkoll fis-sentenza GIE Réunion européenne *et*, iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28 (ara punti 32 u 33).

35 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Reisch Montage (C-103/05, Ġabra p. I-6827), li fiha, fil-punt 32, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, "r-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 ma għandhiex tiġi interpretata b'tali mod li hi tista' tippermetti lil rikorrent li jagħmel talba kontra numru ta' konvenuti bil-għan biss li jeżenta wieħed minn dawn mill-qrati ta' l-Istat Membru fejn huwa ddomiċiljat", u teskludi madankollu li dan jista' jseħħ fil-kawża prinċipali. Id-domanda preliminari kienet fil-kuntest ta' kawża quddiem il-qorti Awstrijaka, li kellha bħala suġġett żewġ talbiet distinti, l-ewwel waħda kontra konvenut, domiċiljat [residenti] fl-Awstrija, li kontrih kienet preċedentement infethet proċediment għal falliment, u t-tieni kontra l-kumpannija li kienet garanti għal dan ta' l-aħħar. Peress li t-talba magħmula kontra l-ewwel konvenut ġiet iddikjarata inammissibbli minħabba r-raġuni ta' inammissibbiltà li kienet konsegwenza ta' l-istat tal-falliment prevista mid-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk, f'tali ċirkustanzi, ir-rikorrent setax b'mod leġittimu jinvoka l-Artikolu 6(1) sabiex jiġġustifika l-kompetenza tal-qorti li kellha konjizzjoni fir-rigward tat-tieni konvenut. Għalkemm iż-żewġ talbiet kienu marbuta b'mod li ma setax jiġi kkontestat, il-Qorti tal-Ġustizzja xorta waħda ħalliet x'jinftiehem b'mod ċar li l-kompetenza tal-qorti li għandha konjizzjoni tal-każ fis-sens ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 tista' titneħħa fejn hemm id-dubju li ġiet invokata b'mod abbużiv. Iċ-ċirkustanza li waslet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex teskludi f'dan il-każ din l-ipoteżi, u dak li jirriżulta mill-qari tad-deċiżjoni għar-rinviju, kienet, fil-fatt, in-nuqqas ta' provi dwar l-għarfien tar-rikorrenti dwar l-istat ta' falliment, u dwar il-mala fede tiegħu.

61. L-interpretazzjoni ssuġġerita mill-Kummissjoni tmur kontra wkoll id-dikjarazzjoni li l-eżistenza ta' fattur ta' azzjoni relatata bejn it-talbiet kif mitlub mill-Artikolu 6(1), tar-Regolament Nru 44/2001, jekk tassigura applikazzjoni tar-regola skond ir-ratio tagħha, madankollu ma teskludix il-possibbiltà għar-rikorrenti li tuża dan it-titolu ta' ġurisdizzjoni previst minn din id-dispożizzjoni bl-iskop biss li ma jħallix lil wieħed mill-konvenuti milli jitressaq quddiem il-qorti ta' l-Istat membru fejn għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu u għaldaqstant ma teliminax ir-riskju li l-użu b'qerq jew abbużiv tagħha. Per eżempju dan jista' jseħħ meta titħarrek persuna quddiem il-qorti tad-domiċilju [residenza] ta' *konvenut fittizzju* li kontrih tressqet talba li, għalkemm hija *oġġettivament marbuta* ma' dik ippreżentata kontra l-konvenut l-ieħor, hija *manifestament* nieqsa minn kull bażi jiġifieri hija nieqsa minn kull interess reali għar-rikorrent [36].

62. Ghaldaqstant, l-opinjoni tiegħi hi li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli uniformi dwar kunflitt ta' liġijiet previst mir-Regolament Nru 44/2001 jiltaqa' ma' limitu ġenerali *"fil-qerq tal-ġurisdizzjoni"*, li jseħħ fejn l-applikazzjoni ta' l-imsemmija regoli tkun il-konsegwenza ta' att tar-rikorrent li jkollha bħala għan u effett li tneħħi r-relazzjoni li hija s-suġġett ta' din il-kawża lill-qrati ta' Stat membru jiġifieri tqiegħed id-deċiżjoni f'idejn il-qrati ta' Stat membru li, fin-nuqqas ta' tali att ma kinux ikunu kompetenti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-applikazzjoni ta' tali limitu, fir-rigward tal-każijiet fejn il-qerq jitwettaq permezz ta' manipulazzjoni tal-kriterji ta' rabta li hija tali li toħloq titolu ta' ġurisdizzjoni artifiċjali [37].

63. Madankollu hija iktar delikata l-kwistjoni [38] dwar jekk huwiex possibbli li tiġi

36 — B'hekk, per eżempju, l-invokazzjoni tat-titolu ta' ġurisdizzjoni li fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 setgħet tiġi kkontestata fid-deċiżjoni nazzjonali fl-oriġini tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Reisch Montage, iċċitata fil-punt preċedenti, kieku kienet ġiet aċċertata l-*mala fede* tar-rikorrent.

37 — Ara s-sentenza ta' l-20 ta' Frar 1997, MSG (C-106/95, Ġabra p. I-911), dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell. Fil-punt 31 l-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li "għalkemm il-partijiet huma liberi bix jiftiehmu fuq il-post ta' eżekuzzjoni ta' l-obbligi kuntrattwali li huwa differenti minn dak li jista jiġi ddeterminat permezz tal-liġi fis-seħħ għall-kuntratt, minħajr ma jkollhom l-obbligu jirrispettaw ħtiġijiet formali partikolari, madankollu dawn ma jistgħux, b'kunsiderazzjoni tas-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni, bl-uniku skop li jiddeterminaw qorti kompetenti, jiffissaw post ta' eżekuzzjoni li m'għandu l-ebda rabta effettiva mal-materja tal-kuntratt u li fih l-obbligi li joħorġu mill-kuntratt stess ma jistgħux jitwettqu fuq il-bażi tat-termini ta' dan ta' l-aħħar." Ara wkoll is-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 1985, Malhé (220/84, Ġabra p. 2267).

38 — Din il-kwistjoni tidħol fil-kuntest iktar ġenerali tal-mekkaniżmi li jippermettu r-rrilevar u t-tneħħija ta' l-użu abbużiv tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u, b'mod definittiv, li topponi dak li ġie ddefinit bħala *forum shopping malus*. Il-ħtieġa li jiġi ggarantit l-effett utli u l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni fl-ewwel lok u tar-Regolament Nru 44/2001 fit-tieni lok u, billi titħalla lill-kriterji ta' rabta użati minn tali dispożizzjonijiet valur oġġettiv — neċessarja għall-finijiet ta' assigurazzjoni tat-tbassir ta' ġurisdizzjoni — wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja li żżomm fir-rigward ta' aproċċ partikolarment ta' kawtela, li ma naqasx li jqajjem kritiki fid-duttrina. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, Ġabra p. I-3565), dwar "*anti-suit injunctions*", u tad-9 ta' Diċembru 2003, Gasser (C-116/02, Ġabra p. I-14693), fir-rigward ta' *lis alibi pendens*.

rikonoxxuta fis-sistema leġiżlattiva tar-Regolament Nru 44/2001, projbizzjoni ġenerali *mill-użu abbużiv tad-dritt ta' għażla tal-qorti* u jekk tali użu jipprojbixxix li tapplika ġurisdizzjoni, li għaldaqstant tillimita l-applikazzjoni tar-regoli uniformi dwar kunflitt ta' liġijiet [39], jew jekk ikollhiex impatt biss fuq l-ammissibbiltà ta' l-azzjoni [40], bla ħsara għad-distribuzzjoni tal-kompetenza mwettqa skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

64. Kif semmejt qabel, m'għandix l-intenzjoni li nidħol fid-dettall fuq din il-kwistjoni f'din l-okkażjoni. Fil-fatt, għalkemm kif diġà ġie rrilevat, il-projbizzjoni li hija suġġetta għaliha l-applikazzjoni tar-rabta ġuridika prevista fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 44/2001 hija fformulta b'tali mod li tkopri kemm il-każijiet ta' qerq kif ukoll dawk ta' abbuż tad-dritt ta' l-għażla tal-qorti, ma nara l-ebda raġuni konnessa b'mod partikolari mal-ħtiġijiet ta' applikazzjoni uniformi u l-interpretazzjoni awtonoma tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li tostakola l-applikazzjoni tagħha wkoll l-każijiet possibbli li l-Artikolu 6(1) għandu l-għan li jirregola.

65. Estenzjoni analoga tal-projbizzjoni li fl-Artikolu 6(2), barra li diġà giet sostnuta b'mod ċar mill-Qorti tal-Ġustizzja [41], tippermetti b'mod partikolari l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1), f'sitwazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni naturali tagħha jiġifieri l-invokazzjoni ta' ġurisdizzjoni prevista minnha fejn tirriżulta intiża sabiex tissodisfa interessi li ma ħaqqhomx protezzjoni.

66. Fir-rigward tal-verifika tar-rispett ta' tali projbizzjoni, hija l-qorti kompetenti li għandha taċċerta jekk ir-rikors għall-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, minkejja l-azzjoni relatata oġġettiva bejn it-talbiet magħmula kontra numru ta' konvenuti, għandux biss l-iskop li jneħħu minnhom mill-qorti tad-domiċilju [residenza] proprju tiegħu. Madankollu, insostni li huwa neċessarju nżid f'dan ir-rigward li ma jidhirx li huwa element suffiċjenti sabiex tiġi aċċertata l-intenzjoni qerrieqa jew abbużiva tar-rikorrent, b'riskju ta' restrizzjoni indebitata tal-kamp ta' applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni, il-fatt li l-azzjoni diretta kontra konvenut li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu fl-Istat membru tal-qorti kompetenti tidher *mhux fondata,* meta din ta' l-aħħar suppost għandha tidher, fil-mument tal-preżentazzjoni tagħha, *manifestament* nieqsa minn kull bażi — sa tali punt li tirriżulta *artifiċjali* — jew nieqsa minn kull interess reali għar-rikorrent.

39 — Bħal fil-każ ta' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 44/2001 u qabel tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

40 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' talba taqa' taħt id-dritt proċedurali nazzjonali, bl-uniku limitu li l-applikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar m'għandux jikkompromietti l-effett utli tar-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti mill-Konvenzjoni (sentenza tal-15 ta' Mejju 1990, Hagen, C-365/88, Ġabra p. I-1845, punti 17 u 20).

41 — Ara s-sentenza Reisch Montage ċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35.

67. Għaldaqstant, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, ma jidhirlix li l-azzjoni ntiża mis-Sur Arnoldsson kontra Freeport plc tippreżenta dawn il-karatteristiċi.

68. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ntqalu nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tirrispondi għat-tieni domanda preliminari kif ġej:

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lil rikorrent li jipproponi talbiet kontra numru ta' konvenuti bl-uniku skop li ma jħallix lil wieħed mill-konvenuti milli jitressaq quddiem il-qorti ta' l-Istat membru fejn għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu anke meta t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun aktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex jevitaw ir-riskju ta' ġudizzji irrikkonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati.

69. Fir-rigward tat-tielet domanda preliminari, peress li ġiet ifformulata f'każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda u peress li s-suġġeriment tiegħi lill-Qorti tal-Ġustizzja huwa li tirrispondi b'mod affermattiv għal din id-domanda, ser nillimita ruħi biex nosserva li l-eżami fir-rigward tar-riskju ta' deċiżjonijiet inkompatibbli li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jitlob lill-qorti kompetenti għandu jsir b'kunsiderazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għal dan il-għan.

70. Bħall-Kummissjoni, insostni li dan l-esami jista jinkludi evalwazzjoni tal-possibiltà li t-talba ppreżentata kontra l-konvenut li għandu d-domiċilju [domiċilju] tiegħu fl-Istat tal-qorti kompetenti tintlaqa'. Madankollu, ma naħsibx li dan għandu jkollu rilevanza konkreta prattika sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' deċiżjonijiet inkompatibbli, anki jekk, ħlief f'każijiet partikolari li fihom tali domanda tirriżulta manifestament inammissibbli jew nieqsa minn kull bażi.

71. Madankollu, għandi nenfasizza li dan l-argument jidher li jmur kontra l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Reisch Montage, iċċitata iktar 'il fuq, fejn din eskludiet li l-inammissibbiltà manifesta tat-talba ppreżentata kontra l-konvenut li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu fl-Istat Membru tal-qorti kompetenti minħabba raġuni ta' inammissibbiltà prevista mid-dritt nazzjonali tista' jkollha impatt fuq l-invokabbiltà ta' ġurisdizzjoni, fost din l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 fir-rigward ta' konvenut li għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu fi Stat membru ieħor [42].

42 — F'sens oppost kienu l-konklużjonijiet preżentati f'din kawża mill-Avukat Ġenerali Ruoz-Jarabo Colomer.

V — Konklużjoni

72. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mill-Högsta domstolen kif ġej:

"L-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxxinent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lil rikorrent li jressaq talbiet kontra numru ta' konvenuti bl-uniku skop li jneħħi wieħed minn dawn minn quddiem il-qrati ta' l-Istat membru fejn dan għandu d-domiċilju [residenza] tiegħu anke meta dawn it-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun aktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex jevitaw ir-riskju ta' ġudizzji irrikkonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati dawn it-talbiet."